21 ta' Novembru, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Emmanuele Dingli *versus* Giuseppe Żammit**

## Lokazzjoni d'Opera — Ritenzjoni — Danni.

***Id-dritt tar-ritenzjoni, fis-sistema tal-Liġi Maltija, ma għandux jiġi estiż oltre l-każijiet espressament kontemplati mil-liġi; għax għall-estensjoni tal-"Jus Retentionis" oltre l-każijiet imsemmijin fil-liġi tosta d-dispożizzjoni tal-liġi f'materja ta' privileġi li tgħid illi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Privileġi u l-Ipoteki ma jneħħux il-jedd tal-kreditur li jżomm fil-pussess tiegħu l-ħaġa "meta jkun hemm dan il-jedd skond il-liġi" — dak li jfisser illi l-privi-***

*leġġ huwa akkompanjat mid-dritt tar-ritenzjoni fil-każ biss li l-liġi tagħti d-dritt tar-ritenzjoni.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-każ preżenti, ġie ritenut illi l-konvenut, li kien irċieva karrozza biex jagħmel xi tiswijiet fiha, ma kellux jedd iżommha taħt idejh u jirrifjuta li jroddha lil sidha sakemm jitħallas tax-xogħol u l-ispejjeż li għamel fiha.*

*Sempliċi deklaratorja ta' danni ma timplikax bl-ebda mod li danni kien hemm, jew kemm huma; għax bid-deklaratorja b'kollox jista' jkun li fil-ġudizzju eventwali tal-likwidazzjoni jirriżulta li l-fatt kolpaż ma kkaġuna ebda danni. Din id-deklaratorja tfisser biss li wieħed huwa ħati ta' xi ħaġa li rrendietu responsabili għad-danni, jekk danni kien hemm.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta li hu kien ħa minn għand il-konvenut karrozza Vauxhall numru 5823 għal xi riparazzjonijiet; illi l-konvenut, wara r-riparazzjonijiet, ma jridx iħalli lill-attur jirtira din il-karrozza u ippersista f'dana l-aġir tiegħu anki wara interpellazzjoni uffiċjali; u li b'hekk hu qiegħed isofri danni; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut (1) jiġi kundannat jikkonsenjalu u jirrestitwilu, jew iħallieh jirtira minn għandu, l-imsemmija karrozza Vauxhall numru 5823, fi żmien perentorju prefiġġendo; u (2) il-konvenut jiġi dikjarat responsabili lejh, minħabba fin-nuqqas ta' konsenja ta' l-istess karrozza meta ġiet lill-konvenut mitluba mill-attur, tad-danni, likwidabili f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, komprIżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-20 ta' Ġunju 1951, kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

***Omissis;***

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-kwistjoni li hi aġitata bejn il-kontendenti hi dik dwar il-punt jekk lill-konvenut, li għamel xogħol u spejjeż fil-karrozza lilu mogħtija għat-tiswija mill-attur, jikkompetix, għall-ħlas ta' dan ix-xogħol u spejjeż, id-dritt tar-ritenzjoni ta' l-istess karrozza hekk imsewwija. Il-konvenut ġà eżerċita "marte proprio" dan id-dritt, u fil-fatt qiegħed iżomm f'idejh il-karrozza ta' l-attur, bla, s'intendi, ma segwa l-proċedura tad-depożitu liberu u sekwestru sussegwenti, kif isir is-solitu;

Mid-dibattitu, u mill-iskrituri fl-inkartament jidher illi l-konvenut ma hux qiegħed jinvoka ebda dispożizzjoni tal-liġi

biex jissostanzja dan id-dritt li *eżercita*, u lanqas ebda konvenzjoni bejnu u bejn l-attur. Fin-nota tiegħu elaborata, fol. 28, hu jiċċita awturi u sentenzi kontinentali fejn ġie ritenut li d-dritt ta' ritenzjoni jista' jiġi rikonoxxut anki f'każijiet mhux imsemmija fil-*liġi*;

Issa, l-*Imħallef sedenti*, wara li *eżamina* l-*kwistjoni*, jidhirlu illi l-"jus retentionis" fis-sistema tal-Liġi Maltija ma għandux jiġi estiż oltre l-każijiet kontemplati "expressis verbis" mil-liġi. Hu veru li f'xi sentenza nostrali ġiet, f'xi każ, *sanċita xi estensjoni* oltre l-każi kontemplati mil-liġi; iżda dan *sar b'ċitazzjoni ta' prinċipju dottrinali taljan jew franċiż*. Issa hu ta' min jinnota li, għall-finijiet ta' din il-kwistjoni, ma hux il-każ li wieħed joqgħod fuq *prinċipji kontinentali simili*, għaliex fil-Liġi Maltija hemm dispożizzjoni li tieħu għall-pa*rir* kuntrarju, u li ma hemmx la fil-Liġi Taljana u lanqas fil-Liġi Franċiża. Infatti, taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-privileġi u ipoteki (u xogħlijiet u spejjeż simili huma privileġjati, skond l-art. 2113 (d) Kap. 23), hemm l-art. 2101 li jgħid illi d-dispożizzjonijiet ta' dak it-Titolu ma jneħħux il-jedd tal-kreditur li jżomm fil-pussess tiegħu l-ħaġa meta jkun hemm dan il-jedd skond il-liġi. Il-kliem "meta jkun hemm dan il-jedd skond il-liġi" juru ċar illi l-privileġġ huwa akkompanjat mid-dritt tar-ritenzjoni "*biss*" fil-każ li l-liġi tagħti d-dritt tar-ritenzjoni. Ma hemm ebda dispożizzjoni *simili*, la fil-Kodiċi Taljan u lanqas f'dak Franċiż (ara art. 1948 et seq. Kod. Tal., u art. 2092 et seq. Kod. Fr.); u għalhekk, taħt dawk il-kodiċijiet, ma hemmx, kif hemm fil-Kodiċi Malti, dispożizzjoni *tal-liġi ostativa* għall-estensjoni tal-"jus retentionis" oltre l-każijiet imsemmijin fil-liġi, għalkemm *fil-kommenti tagħhom* Marcadè u Pont jidhru li huma jillimitaw similment id-dritt tar-ritenzjoni, għaliex jgħidu :— "*Generalizzando*, dunque, la precedente disposizione, diremo che alle sicurezze, alle cause legittime di prelazione indicate dall'art. 2094, debbasi aggiungere il diritto di prelazione accordato dalla legge ai creditori in alcuni casi determinati .........." (Vol. X, Parte I, paġ. 21);

Jista' jiġi anki notat li l-Imħallef Dottor Filippo Pullicino, fil-kawża "Muscat vs. Trapani ne.", 6 ta' Frar 1877, deher ukoll inklinat li ma jestendix il-"jus retentionis" 'il-

hemm mill-każijiet fejn tagħtih l-istess liġi. Infatti, fil-konsiderandi tas-sentenza, li biha ċaħad il-preteża tal-"jus retentionis", qal illi "la detta domanda non ha per base alcuna disposizione di legge";

Meta wieħed imbagħad jgħaddi għall-każ partikulari tal-preteża ta' dritt simili fiċ-ċirkustanzi msemmijin mill-konvenut, il-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Gatt vs. Farrugia nomine" 30 ta' Jannar 1899, presjeduta allura minn Sir Joseph Carbone ma' l-Imħallfin Dr. Luigi Ganado u Baruni Dr. Chapelle, irriteniet illi d-dritt ta' ritenzjoni għall-ispejjeż li jsiru fil-ħaġa ta' ħadd ieħor hu, b'liġi, akkordat lill-possessur ta' dik il-ħaġa, ċjoè dak li, in bwona jew mala fede, qiegħed iżomm il-ħaġa bħala ħaġa tiegħu, u mhux lil min qiegħed iżommha b'titolu prekarju u għan-nom ta' ħadd ieħor. Issa, appuntu f'dan il-każ il-konvenut, li kellu l-karrozza ta' l-attur mhux bħala ħaġa tiegħu, imma biex jagħmlilha x-xogħol ta' tiswija, u li normalment kien qed iżommha prekarjament, għax għandu jirrestitwiha malli jlesti x-xogħol, u li qed iżommha ċertament għan-nom ta' l-attur, ma jistax, bħala detentur prekarju, jivvanta l-privileġġ li l-liġi ma tagħtihx;

In kwantu għat-tieni domanda, din hi biss fis-sens ta' dikjarazzjoni ta' responsabilità għad-danni; u hu risaput li semplici deklaratorja ta' danni tfisser biss li l-konvenut kien ħati ta' xi ħaġa li rrendietu passibili ta' danni, jekk danni kien hemm. Vwoldiri li dik id-deklaratorja, kuntrarjament għal dak li aċċenna għalih il-konvenut fl-aħħar paragrafu tan-nota tiegħu, ma timplika bl-ebda mod li danni hemm, jew kemm huma; bid-deklaratorja b'kollox, jista' jkun li, fil-ġudizzju eventwali ta' likwidazzjoni, jirriżulta li l-fatt kolpuż ma kkaġuna ebda danni;

Għal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeċidi;

Adeżivament għaż-żewġ talbiet; u għall-finijiet ta' l-ewwel talba tipprefiġġi lill-konvenut it-terminu ta' tmint ijiem mil-lum. Salvi kawteli oħra tiegħu, "si et quatenus", eżerċibili skond il-liġi.

---